MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 163/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Paul Gauci Borda**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fit-28 ta' Frar, 2005, ghall-habta tal-10.00 a.m., ikkommetta serq ta' oggetti mill-hanut "Marks & Spencer", sitwat fil-Belt, Valletta, liema serq jammonta ghal LM 33.68c, ghad-dannu ta' Josephine Camilleri;**
**2) b'hekk sar recediv b'sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mhassra moghtija mill-Qorti tal-**

**magistrati (Malta) Mag. Dr. C. Scerri Herrera LL.D datata 23.10.2000.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 284/285, 49 u 50 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Mejju, 2005 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, fejn din ippronuzjatu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, tvarja s-sentenza fuqu mposta w tipprovdilu piena alternattiva ghal dik karcerarja.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe’ li l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva wisq meta wiehed iqis illi :-1. l-appellant ikkoopera mall-Pulizija; 2. li hu ammetta fl-ewwel opportunita’ li kellu ; 3. li l-valur tas-serq kien wiehed *de minimis* ; 4 illi l-appellant kien dispost li jhallas il-valur ta’ l-oggetti minnu misruqa;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” **[14.6.1999] ,** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi . Di fatti , trattandosi ta' serq semplici fejn il-valur tal-oggett misruq hu ta' LM33.68c, skond l-artikolu 285 tal-Kodici Kriminali , l-piena hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn xahar sa sitt xhur. Umbaghad stante li l-appellant instab ukoll hati ta' recidiva fuq ammissjoni, skond l-artikolu 289 , il-piena tista' tizdied fil-kaz tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn u fil-kaz tat-tielet kundanna jew ohrajn warajha minn grad sa tlitt gradi, b' mod illi l-piena massima li seta' jinkorri l-appellant kienet addirittura dik ta' tmintax il-xahar prigunerija, b' minimu ta' seba' xhur prigunerija. Illi fis-sentenza esebita ghall-fini tar-recidiva (fol. 4 sa 10) wahda mill-akkuzi kienet proprju dik ta' serq u ghalhekk indubbjament hu applikabbli dan l-artikolu, li jirrigwarda recidiva fid-dellitti imsemmijin fis-sub-titolu I tat-Titolu IX, Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali.**

**Ikkonsidrat ukoll li l-appellant li ghandu ormai erbghin sena gja kien instab hati disgha darbiet mill-Qrati ta' reati li jvarjaw minn dawk ta' kliem oxxen u sewqan perikoluz ghall-reati aktar serji ta' serq, falsifikazzjoni ta' dokumenti u l-uzu taghhom u pussess ripetut tad-droga eroina kif ukoll tal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-*probation*. Hu inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati, tant li tlitt darbiet tpogga taht *probation* u tlitt darbiet gie immultat u darba regghet gie estiz it-terminu tal-*probation*. Minn dan kollu l-appellant jidher li ma tghallem xejn.**

**Illi umbaghad, dwar l-aggravju bazat fuq l-ammissjoni bikrija tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, ghalkemm hu minnu li fil-fatt hekk sar, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubbllika ta' Malta vs. Mario Camilleri" **[5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**” , [17.7.2002]. F’ dan il-kaz, meta wiehed iqis li kif gja intqal l-appellant kien passibbli ghall-piena ta’ prigunerija minn seba xhur sa tmintax il-xahar u wehel biss xaharejn prigunerija, hu ovvju li l-Ewwel Qorti, anki jekk ma qalitux espressament fis-sentenza, bil-fors li qieset il-fatt tal-ammissjoni bikrija , meta erogat piena daqshekk miti fil-konfront tieghu.**

**Illi dwar il-valur tar- *re furtiva,* ghalkemm dan bi kriterji tal-lum forsi mhux daqstant gholi, xorta wahda pero’, ladarba jaqbez l-ghaxar liri , huwa tali li jirreka il-pieni fuq imsemmija w l-Qrati qeghdin biex japplikaw il-ligi kif inhi.**

**Jekk umbaghad l-appellant ihallas il-valur tal-oggett misruq, li s’issa ghadu ma ghamilx, ma jkun qed jaghmel xejn hlief li jwettaq l-obbligi morali tieghu , izda l-akkuza ta’ serq xorta mhux rinunzjabbli w lanqas ghandu jinghata l-messagg li meta l-halliel jinqabad, jista’ jehles mis-sanzjonijiet penali jekk joffri jew ahjar jindika li jkun propens li jhallas il-valur tal-oggett misruq u dan ghal ragunijiet ovvji .**

**Ghalhekk taht kull aspett l-appell huwa wiehed infondat u din il-Qorti ma ssib ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena erogata.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------